FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 15 ta' Mejju , 2002

**Avviz Nru1241/01 PM**

**GasanMamo Insurance Agency Ltd. u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera GCU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Emilja Pace u l-istess Emilja Pace**

**Vs**

**Marija Stella Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' mija sitta u tmenin Lira u hmistax il-centezmu, Lm186.15 rapprezentanti danni kif spjegat fl-istess avviz;

Ra r-risposta fejn il-konvenut qalet li ma kenitx involuta f'ebda incident mal-vettura assigurata mad-ditta attrici;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema x-xhieda;

Skond ir-rapport tal-Pulizija l-attrici Pace qalet li l-karozza taghha fill-garaxx fit-2 ta' April, 2001 sabet li l-karozza kellha hsara. Kien hemm zewg karozzi pparkjati fill-garaxx in kwistjoni. Wahda mill-karozzi kienet tal-konvenuta;

Il-konvenuta qalet li meta l-karozza taghha fill-garaxx il-karozza tal-attrici kienet l-unika karozza fill-garaxx;

Il-Pulizija rraporta wkoll li l-hsara fiz-zewg karozzi kienet xi 45 sa 55 cm mill-art;

Illi skond il-konvenuta l-hsara fill-karozza taghha kienet rizultat ta' habta mal-hajt fejn tahdem. Illi l-konvenuta qalet li nformat il- Pulizija li nvestigaw dan il-kaz li kellha incident qabel;

Illi l-atturi kellhom jipprovaw li l-konvenuta habtet mal-karozza ABE 052 u kkgunat id-danni in kwistjoni. Illi t-Tribunal ma ghandux bizejjed evidenza biex jasal ghal din il- konkluzjoni;

Ghaldaqstant billi l-atturi ma ppruvawx li l-konvenuta kienet habtet mal- karozza assigurata mad-ditta attrici tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**